



Brussell, 25 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15003/22

LIMITE

JAI 1526
COPEN 402
DROIPEN 150
EUROJUST 99
EJN 39

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tan- Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN) - Approvazzjoni

B'segwitu għad-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fit-22 ta' Novembru 2022, u wara proċedura ta' silenzju informali li ntemmet fil-25 ta' Novembru 2022, il-Presidenza tikkonkludi li ma hemm l-ebda oġġezzjoni għat-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-anness għal din in-nota.

Soġġett għal konferma mill-Coreper, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-konklużjonijiet kif jinsabu fl-anness għal din in-nota.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITAJIET TAN-NETWORK ĠUDIZZJARJU EWROPEW KONTRA Ċ-ĊIBERKRIMINALITÀ

Sfond

1. Il-Valutazzjoni tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet (IOCTA) tal-Europol ta' Diċembru 2021 tenfasizza t-theddida kontinwa li ċ-ċiberkriminalità toħloq għas-soċjetà tagħna.¹ L-aħħar prijoritajiet tal-EMPACT (2022-2025) jenfasizzaw il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, inkluż l-attakki ċibernetiċi, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-frodi online, bħala prijorità tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata². Il-ġlieda kontra dan it-tip ta' kriminalità ilha prijorità għall-infurzar tal-liġi nazzjonali, Ewropea u internazzjonali għal għexieren ta' snin.
2. Huwa fil-kuntest ta' din it-theddida li l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016 dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità³ appellaw biex jitwaqqaf Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (minn hawn 'il quddiem "EJCN") li jipprovdi ċentru ta' għarfien espert speċjalizzat li jappoġġa lill-awtoritajiet ġudizzjarji, jiġifieri prosekuturi u mħallfin li jittrattaw iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità ffaċilitata mill-internet u l-investigazzjonijiet fiċ-ċiberspazju. Għal dan l-għan, in-Network jiffaċilita u jżid il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jaħdmu fuq iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità ffaċilitata mill-internet u l-investigazzjonijiet fiċ-ċiberspazju, filwaqt li jiġu rrispettati l-istruttura u l-kompetenza fil-Eurojust u tan-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE).

¹ <https://www.europol.europa.eu/publications-events/main-reports/iocta>

² Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata għall-EMPACT 2022 – 2025, dokument 8665/21

³ <https://www.consilium.europa.eu/media/24301/network-en.pdf>

3. Wara l-adozzjoni tal-konklużjonijiet, l-EJCN inħoloq fil-forma ta' network li jopera b'mod awtonomu ospitat mill-Eurojust. Is-sinerġiji bejn l-EJCN u l-Eurojust jew l-EJCN u networks oħra jkunu żgurati f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill "Is-sinerġiji bejn il-Eurojust u n-networks stabbiliti mill-Kunsill fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali" tat-18 ta' Ġunju 2019⁴.
4. Mill-2016 'l hawn, l-EJCN organizza żewġ laqgħat plenarji fis-sena u stabbilixxa ħames sottogruppi b'attivitajiet u riżultati speċifiċi dwar l-evidenza elettronika, il-muniti virtwali, l-elaborazzjoni ta' każijiet, iż-żamma tad-data u t-taħriġ. In-Network u l-ħidma tas-sottogruppi taw l-aktar kontributi siewja għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.
5. L-Eurojust tipprovdi appoġġ loġistiku u organizzattiv lin-Network permezz tat-Tim ta' Appoġġ tal-EJCN, magħmul minn Espert Nazzjonali Sekondarju maħtur bis-sħiħ u erba' membri oħra tal-persunal tal-Eurojust li, madankollu, jistgħu jappoġġaw l-attivitajiet tal-EJCN parzjalment biss. Għalhekk l-istruttura attwali mhijiex biżżejjed biex tissodisfa bis-sħiħ il-ħtiġijiet kollha tal-EJCN.

Sitwazzjoni attwali

6. F'dawn l-aħħar ftit snin, it-theddid miċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità ffaċilitata mill-internet komplew jiżdiedu b'mod esponenzjali⁵. L-IOCTA tal-Europol tal-2021 tistabbilixxi wkoll li l-pandemija tal-COVID-19 saħħet din iż-żieda, hekk kif l-attivitajiet online żdiedu b'mod konsiderevoli matul il-perjodi ta' moviment ristrett f'ħafna stati. F'dan il-kuntest, l-EJCN diġà wera l-valur tiegħu bħala attur ewlieni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità fil-livell tal-Unjoni.

⁴ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0618\(01\)&from=GA](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0618(01)&from=GA)

⁵ Ara pereżempju l-Valutazzjoni tal-Europol tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet, <https://www.europol.europa.eu/publications-events/main-reports/iocta> u r-rapport dwar ix-Xenarju tat-Theddid tal-ENISA, <https://www.enisa.europa.eu/publications/enisa-threat-landscape-2021>.

7. Madankollu, huwa ċar li l-potenzjal sħiħ tal-EJCN ma jistax jintlaħaq sakemm ma jkollux l-organizzazzjoni tiegħu stess u jopera fil-biċċa l-kbira fuq bażi ad hoc. Il-Kunsill diġà nnota d-dgħufija tal-istruttura attwali. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill "Is-sinerġiji bejn il-Eurojust u n-networks stabbiliti mill-Kunsill fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali" tat-18 ta' Ġunju 2019⁶, ġiet enfasizzata l-ħtieġa għall-istabbiliment ta' Segretarjat formali tal-EJCN biex jappoġġa l-attivitajiet tal-EJCN. Madankollu, din is-sejħa għal azzjoni għadha ma pproduċiet l-ebda riżultat.

It-triq 'il quddiem

8. Matul is-snin li ġejjin, hemm bżonn ta' appoġġ u gwida aktar effettivi għall-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej dwar għadd ta' kwistjonijiet rilevanti iżda kumplessi, bħal:
- It-teknoloġiji moderni u l-abbuż tagħhom mill-kriminali qed jevolvu malajr, mill-kriptaġġ u r-ransomware sal-kriptoaluti u l-użu tad-dark web. It-trattament ta' dawn is-suġġetti fil-kuntest ta' investigazzjoni jeħtieġ appoġġ ibbażat fuq għarfien speċjalizzat ħafna.
 - Id-disponibbiltà ta' data diġitali u evidenza elettronika għall-awtoritajiet ġudizzjarji. L-awtoritajiet ġudizzjarji jeħtieġu appoġġ Prattiku biex jegħlbu l-isfidi rikorrenti li jirriżultaw b'mod partikolari minn regoli diverġenti dwar iż-żamma tad-data, il-kriptaġġ u l-kooperazzjoni mas-settur privat.
 - L-implikazzjonijiet tal-qafas legali li qed jinbidel (eż. it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni "Budapest" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, leġislazzjoni ġdida futura dwar l-Ordinijiet ta' Preservazzjoni u ta' Produzzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali, regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) kif ukoll gwida dwar żviluppi ġodda f'pajjiżi terzi ewlenin (eż. l-Att tal-Istati Uniti dwar il-Kjarifika tal-Użu Legali tad-Data Barra l-Pajjiż (CLOUD)).

⁶ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0618\(01\)&from=GA](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0618(01)&from=GA)

L-EJCN jista' jipprovdi appoġġ u gwida effettivi lill-awtoritajiet ġudizzjarji dwar dawn il-kwistjonijiet u oħrajn. Madankollu, sabiex dan isir b'mod effiċjenti u effettiv, għandu jiġi pprovdut b'għodod u riżorsi xierqa u suffiċjenti.

9. F'dan is-sens, il-ħolqien ta' struttura ta' appoġġ permanenti tal-EJCN, soġġetta għall-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u tal-persunal addizzjonali, mingħajr preġudizzju għall-punt 130 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 dwar l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-persunal fil-livell attwali u dwar l-approfondiment tal-kooperazzjoni interistituzzjonali⁷, jidher li jissodisfa hteġġa reali u urġenti ta' appoġġ kwalifikat għall-EJCN. Dan jista' jinkiseb billi jiġi stabbilit Segretarjat permanenti għan-Network Ġudizzjarju Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (is-Segretarjat tal-EJCN), li jappoġġa l-attivitajiet tal-EJCN.
10. Is-Segretarjat tal-EJCN għandu jiffunzjona bħala struttura ta' appoġġ meħtieġa għall-EJCN biex l-EJCN ikun jista' jissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-prattikanti involuti fil-qasam taċ-ċiberkriminalità kif ukoll iżomm u jiżviluppa aktar is-sinerġiji bejn l-EJCN u networks oħra u bejn l-EJCN u l-Eurojust. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni tal-EJCN maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) fil-Europol u s-sinerġiji bejn it-tnejn jeħtieġ li jissaħħu. L-istabbiliment tas-Segretarjat fil-Eurojust ikun konformi mas-sitwazzjoni attwali tas-segretarjati tan-networks l-oħra.
11. Is-Segretarjat tal-EJCN għandu jappoġġa lill-EJCN biex jipprovdi ċentru ta' għarfien espert speċjalizzat u ta' informazzjoni li tappoġġa lill-prattikanti kif ukoll jassisti lill-EJCN fit-tħejjija tal-laqgħat, id-dokumenti u kompiti simili tiegħu. Is-Segretarjat tal-EJCN għandu jappoġġa wkoll l-isforzi tal-EJCN biex ikompli u jsaħħaħ il-kooperazzjoni ma' entitajiet privati peress li dan jidher li huwa wieħed mill-modi ta' investigazzjoni taċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità relatata maċ-ċibernetika. Barra minn hekk, hekk kif id-dinja ċibernetika qed tiżviluppa b'mod rapidu, is-Segretarjat tal-EJCN għandu jappoġġa lill-EJCN biex iżomm [...] kuntatt mill-qrib mal-universitajiet u r-riċerkaturi sabiex jiġu identifikati xejriet reċenti u b'hekk ikun jista' jipprepara lill-prattikanti għal problemi li jistgħu jinqalgħu.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, dokument EUCO 10/20

12. Il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar diskussjonijiet u attivitajiet tal-EJCN, il-Eurojust u suġġetti oħra kkonċernati bl-għan li jiżdied l-appoġġ tal-prattikanti fil-qasam tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità biex jiġi żgurat appoġġ adegwat, u li jiffunzjona u li jibqa' validu fil-futur tal-attivitajiet tagħhom.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
GĦALHEKK JIKKONKLUDI LI

- A.** In-Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità wera li huwa attur importanti u ta' valur fl-isforzi tal-Unjoni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Għandu jiġi żgurat li dan in-Network li jopera b'mod awtonomu jkun jista' jkompli u jiżviluppa aktar il-ħidma tiegħu.
- B.** Bħala prijorità għandha tinholq struttura ta' appoġġ permanenti fil-forma ta' Segretarjat għan-Network Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità b'riżorsi suffiċjenti.
- C.** Il-Eurojust hija mħeġġa tkompli tappoġġa lill-EJCN.
-